V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10082 — CPPIB/TPG/The Torstein Hagen Interest in Possession Settlement/Viking)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 12/04)

1. Fit-23 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Canada Pension Plan Investment Board ("CPPIB", il-Kanada),

— TPG Capital ("TPG", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— The Torstein Hagen Interest in Possession Settlement (it-"Trust", il-Gżejjer Cayman),

— Viking Holdings Ltd ("Viking", Bermuda) ikkontrollata mit-Trust.

CPPIB, TPG u t-Trust jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Viking.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— CPPIB: organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-investimenti globali li tinvesti l-fondi ttrasferiti lilha permezz tal-Canada Pension Plan. Prinċipalment tinvesti f'ekwitajiet pubbliċi u privati, proprjetà immobbli, infrastruttura, investimenti ta' kreditu u investimenti bi dħul fiss.

— TPG: kumpanija ta' investiment privat li tiġġestixxi familja ta' fondi, li tinvesti f'varjetà ta' kumpaniji permezz ta' akkwisti u ristrutturar korporattiv.

— it-Trust: ma għandha l-ebda attività kummerċjali li tiġġenera dħul għajr dak ta' Viking.

— Viking: tħaddem kruċieri fuq l-oċeani u x-xmajjar madwar id-dinja, inkluża l-Ewropa.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 ("ir-Regolament dwar l-Għaqdiet").

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

Il-Każ M.10082 — CPPIB/TPG/The Torstein Hagen Interest in Possession Settlement/Viking

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË